# Il-Festa ta' San Ġorġ fi Tfuliti

**Kan. Dun Feliċ Tabone**



Meta ta' kull sena tkun qed toqrob il-festa kbira ta' San Ġorġ Megalomartri, mingħajr ma rrid tiġini nostalġija u tifkiriet tal-festa ta' San Ġorġ ta' tfuliti. Kemm għaddew Qriema, saċerdoti u dilettanti, kollha ħerqana biex issir festa kbira f'ġieħ il-patrun tagħna San Ġorġ. Għax ħa ngħiduha kif inhi, il-parroċċa matriċi u arċipretali tagħna, waħda fost l-għaxra ewlenin ta' gżiritna, qatt ma qagħdet lura milli tiċċelebra b'pompa kbira l-Għid ta' San Ġorġ Martri ta' Kristu, li allura kien jinżamm fit-23 ta' April, il-jum liturġiku tal-martirju tiegħu. Dan tixhdu l-binja ta' stil Doriku Ruman tal-knisja antika tagħna ddedikata f'ġieħ San Ġorġ. Għalkemm inbniet f'diversi żminijiet, kienet waħda kbira bin-navi li għal dak iż-żmien kienet xi ħaġa ġdida għal Malta, qabel il-bini ta' knejjes parrokkjali oħra. Ħasra li ma nżammitx fis-sbuħija oriġinali tagħha, kif ġara fi knejjes oħra f'Malta.

Dan juri li r-raħal tagħna kien minn ta' quddiem biex iżejjen dan it-tempju b'opri artistiċi, fosthom il-koppla ta' Wenzu Gafà u l-istatwa proċessjonali, skolpita fl-injam mill-Qormi Pietru Felici. Din kienet waħda mill-ewlenin ta' gżiritna, li bdiet toħroġ fit-toroq tar-raħal tagħna, tant li meta żżanżnet għall-ewwel darba ġibdet folla kbira ta' nies minn kull rokna ta' Malta. Mhux ta' xejn li l-fjamma ta' entużjażmu terġa' tqum fil-jiem tal-festa fil-qlub tal-Qriema, huma fejn huma, emigranti jew joqogħdu barra mir-raħal.

Jiena twelidt tista' tgħid fil-pjazza ta' San Franġisk, li hija t-tokk tal-ġrajjiet tar-raħal tagħna tul il-medda taż-żmien. Għalhekk l-ewwel tifkiriet tiegħi huma marbutin ma' dan il-misraħ. Għadha sal-lum tissebbaħ bl-aqwa armar artistiku. Għadni niftakar lil Ġorġ ta' Mastranġ u lil Ġużeppi ta' Żbari ma' dilettanti oħra jarmaw għall-ewwel darba l-pedestall ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel quddiem il-knisja ta' San Franġisk. Niftakar li missieri kien ħadni għand il-mastrudaxxa, Salvu Bugeja ta' Zolli, mis-Siġġiewi, armat ħdejn San Bastjan, meta kien qed jaħdem fuqu. Kien żebgħu u rħamah id-dekoratur Ġużeppi ta' Majs minn Birkirkara fil-kappella tal-Lunzjata. Niftakar ukoll l-ark dekorattiv tal-ħadid li kien jintrama bejn il-Lunzjata u l-għassa tal-pulizija, li dak iż-żmien kienet fil-pjazza ta' San Franġisk.

Kien jintrama fuq erba' kolonni tal-injam u jinxtegħel bil-bozoz tal-elettriku. Ħaġa oħra li bqajt niftakar hi li lejlet u nhar il-festa kont nagħmel ħilti biex nitla' ma' Ġużeppi Zammit, ta' bla driegħ, fuq il-kampnar ta' San Franġisk biex indoqqu l-moti tal-festa. F'xi ħwienet tax-xorb ta' madwar il-pjazza, u fil-bitħa ta' Netta tal-Bajtar, li m'għadhiex teżisti, kienu jaqlu l-fniek għall-bejgħ. Dak iż-żmien ma kienx hawn kjosks tal-ikel bħal-lum. Il-banda ddoqq fil-pjazza qatt ma naqset, dejjem waħda mill-ewlenin ta' Malta.

Meta l-istatwa ta' San Ġorġ kienet tasal fil-pjazza, kienu jisparaw il-musketterija tal-kulur

fuq il-każin tal-orkestra li kien hawn f'dak iż-żmien, u dak tal-Banda tal-Werqa. Id-daħna sfiqa u r-riħa qawwija tal-porvli kienu jdejquni u kont nidħol niġri d-dar.

Jien dħalt abbati fi żmien il-kappillan u l-ewwel arċipriet tal-parroċċa, Mons. Dun Anton Vella mir-Rabat. Konna dilettanti sew, tant li ma' sħabi l-abbatini, konna nieħdu l-ispellizza tal-organdin għand mara Karkariża jisimha Reġin, biex tgħaddihomlna bi pjiegi żgħar illamtati. Kemm kont nieħu pjaċir nilbisha għat-translazzjoni lejlet il-festa! Sirt midħla tal-knisja u dilettant ta' dak kollu li jsir fil-parroċċa. Sa minn qabel il-festa kont ixxomm riħa qawwija ta' żejt tal-kittien, u jibdew jarmaw id-damask tal-palma, u jniżżlu l-linef. Jien niftakar meta żżanżnet il-pittura tal-artist Ġużeppi Briffa u d-dekorazzjni tal-koppla, li tbierket minn Mons. Emanuel Galea, Vigarju Ġenerali.

Dak iż-żmien sar ukoll il-paviment tal-irħam qabel it-tieni gwerra dinjija, u żejnu b'ħaġar prezzjuż l-ostensorju ta' San Ġorġ u l-isfera, li llum m'għadhiex fil-knisja għax insterqet. Veru ħasra u telfa irreparabbli. Il-Ħadd qabel l-ewwel tridu, kienu joħorġu lil San Ġorġ min-niċċa. Il-ħruġ kien isir bħal-lum, iżda bit-talb u l-kant mid-devoti ta' San Ġorġ kollox fil-knisja. Dakinhar kienu jwettqu l-wegħdi bl-offerta tax-xemgħa lil San Ġorġ. Xi wħud kienu jimxu għarkopptejhom matul il-korsija sa quddiem l-istatwa. Darba ommi, Alla jaħfrilha, ħaditni l-knisja, u mxiet għarkopptejha minn taħt il-gallerija tal-orgni, u jien nimxi b'xemgħa f'idi maġenbha sa quddiem San Ġorġ. Kien ikun hemm ħuġġieġa ta' xemgħa taqbad quddiem l-istatwa. Kienu żminijiet oħra!

Matul it-tridijiet kont tara l-kor mimli saċerdoti u abbatini. Jitfaċċaw ukoll patrijiet u qassisin, Qriema minn parroċċi oħra. Niftakar lil Dun Ġammarì Cassar u l-aħwa Dun Ġużepp u Dun Salv Cilia flimkien mal-kappillan liebes ir-rukkett u l-mozzetta korali, f'nofs il-kor ikantaw l-antifoni tal-għasar quddiem antifonarju kbir u antik. Wara l-priedka tat-tridu, Dun Salv Sammut, prokuratur tal-knisja, kien jgħid il-kurunella ta' San Ġorġ. In-nies ma kinux jitilqu 'l barra waqt l-istrofi bil-mużika, u l-irġiel kienu jimlew il-kor jisimgħu l-mużika tas-surmast Ġużeppi Camilleri, b'kantanti tajbin, bħat-tenur Nikola Baldacchino li kellu l-familja tiegħu f'Ħal Qormi, u xi kantanti Taljani mit-Teatru Rjal.

Wara l-quddiesa tat-*Te Deum*, is-sagristani u d-dilettanti kienu jarmaw it-tużell u l-artal maġġur b'ħerqa kbira, fosthom Karmnu Gatt, dilettant kbir, Ninu Casha, iż-Żina, Ċikku Farrugia, Karmnu Borg, Mikiel Grima, il-kuġin tiegħi, Ġorġ Sammut u Ċensu Grech li għadu fostna. Is-sagristani dak iż-żmien kienu Ġorġ Scerri, "iz-Zozz", u Ċikku Zammit. Kienu xjuħ, iżda kont tarahom dejjem il-knisja, saħansitra jorqdu ġimgħa kull wieħed fil-knisja għal dak li jista' jinqala'. Fl-4.30 ta' filgħodu kienu jdoqqu l-*Pater Noster* u jiftħu l-knisja għall-ewwel quddiesa. L-għada tal-festa, l-istess dilettanti kienu jżarmaw l-artal maġġur, it-tużell, it-trieħi rrakkmati, il-ventartali, kollox. B'delikatezza kbira jerfgħu l-apparat ġojjel fil-gradenza tas-sagristija l-ġdida. Din kienet ix-xalata tagħhom l-għada tal-festa, u kienu jkunu tassew ferħana u kuntenti.

In-nies tar-raħal dak iż-żmien kienu jieħdu sehem fil-festa, l-aktar għall-quddiesa kantata bil-paniġierku. Kont tara l-korsija mballata bin-nisa, libsin l-iswed bl-għonnella l-ġdida mżejnin b'deheb fin; ċrieket, barbazzali u xi gamewwa b'San Ġorġ fuq iż-żiemel mehmuża fuq sidirhom. Ħaġa oħra li għadni niftakar hija l-marċijiet. Lejlet il-festa kien joħroġ marċ wara t-*Te Deum* u nhar il-festa, il-marċ kien joħroġ f'nofsinhar, il-bandisti libsin l-uniformi bid-dilettanti jimxu quddiem iduru t-toroq.

Wara l-qasma tar-raħal f'żewġ parroċċi, il-purċissjoni kienet tgħaddi bħal-lum, bid-differenza li billi Triq Anici ma kinitx teżisti, allrua terġa' tinżel minn Triq Santa Katerina, iddur lejn Triq San Pietru u tiżbokka ġo Triq il-Kbira, minn ħdejn il-Madonna tar-Rużarju. Matul it-triq tal-purċissjoni, il-ħin kollu jisparaw il-musketterija minn fuq il-bjut. Is-saċerdoti kienu

jakkumpanjaw bix-xemgħa f'idejhom, libsin l-ispellizza wiesgħa u llamtata, ikantaw l-innu tal-martri. Is-salib tal-kleru kien jerfgħu ċertu Ġużeppi mlaqqam iċ-Ċiċina, mill-Belt. Kien raġel twil, irqiq, b'għajnejn żoroq imberrqa. Dan kien jipprova jieħu ħsieb l-abbatini waqt il-purċissjoni, iżda dawn kienu jidħku bih u tgħidx kemm kien jirrabja; tfal huma! Imnalla li kien ikun hemm iċ-Ċeremonier Dun Fred Mizzi biex jirranġa s-sitwazzjoni.

Dak iż-żmien man-nar tal-musketterija u l-murtali tal-ajru kienu jisparaw il-maskli kbar u żgħar. Raġel qisu ġolf imlaqqam l-Urbu, kien jikkargahom bil-porvli u b'biċċa miċċa mqabbda ma' qasba kien jispara salut fil-ġranet tat-Tridu, lejlet u nhar il-festa. Tgħidx kemm kienu jaħsduni għax kien jisparahom ġor-rixtellu u jriegħdu l-knisja. Fost id-dilettanti tan-nar tal-ajru niftakar lil Ġianmarì Arapa, imlaqqam il-*Bully*. Sena minnhom jien u ħija morna għal xi s-sagħtejn ta' wara nofsinhar maġenbu waqt li kien qed jarma l-kaxxa tal-kulur fil-wied taħt il-ħajt tal-ġnien ta' Ċensu ta' Gejtan. Naturalment keċċiena għax kien hemm il-periklu. It-tfal ma jaħsbuhiex! In-nar tal-art kien jinħaraq bħal-lum ġol-wied, iżda l-wied kien qisu għalqa bis-siġar taċ-ċawsli. Kont tara xi ħmar jew żiemel bl-ixkora tal-għalf, marbutin mas-siġar taħt il-ħitan tal-ġonna. Is-sidien tagħhom kienu jiġu jbiegħu l-qubbajd jew ir-ruġġjata.

Lejlet u nhar il-festa t-terramaxka ddur mat-toroq wara nofsinhar waqt l-ikla tal-festa. Bid-daqq tagħha kienet tagħti daqsxejn kulur lill-festa Maltija ta' qabel it-tieni gwerra dinjija. Nota oħra ta' dak iż-żmien, kienet id-daqq tal-qniepen iż-żgħar tal-arloġġ minn Pawlu Setti, il-kampanar u d-deffien tal-parroċċa. Kien idoqq iċ-ċerimonji bħala sinjal tas-sollennità tal-festa titulari. Id-dilettanti kienu jżejnu l-faċċata tal-knisja bil-mazzettuni tal-għollieq miġbur mill-widien li jdawru r-raħal tagħna.

Dawn l-irqaqat kienu jagħtu karattru ta' ferħ u tiżjin sempliċi lill-festa tar-raħal. Kien żmien ieħor! "Tempora mutantur" jgħidu l-antiki, iż-żminijiet jinbidlu u l-progress ma tistax twaqqfu. Iżda xorta rridu noqogħdu b'seba' għajnejn biex ma nesaġerawx u ma nħallux l-ispirtu pagan iħassar l-għan tal-festa. Il-knisja tiċċelebra l-festi biex tfaħħar 'l Alla fil-qaddisin tiegħu u mhux biex ninqdew biha sabiex nisfogaw il-passjonijiet baxxi tal-bniedem. Jeħtieġ li nagħmlu ħilitna biex nedukaw u nrażżnu lil min kapriċċjożament iħassar l-ispirtu reliġjuż u tradizzjonali tal-festa. Jalla l-parroċċa tagħna tkun ta' eżempju sabiħ ta' kif tiċċelebra l-festa tal-Patrun tagħna San Ġorġ bid-devozzjoni, serjetà u ferħ qaddis.

Jalla kull Qormi devot ta' San Ġorġ jersaq lejn Kristu l-Feddej li għaliH San Ġorġ ta xhieda ħajja bil-martirju mqaddes tiegħu. Bis-saħħa tal-griżma aħna lkoll suldati ta' Kristu, għalhekk fuq l-eżempju ta' San Ġorġ, hu dmirna li neħduha kontra l-ħażen tad-dragun modern: id-droga, is-sess bla rażan, id-divertiment pagan, is-sekulariżmu, il-piki bla sens li jfaqqsu l-għira u l-mibegħda u jifirduna minn Alla u minn xulxin. Id-duwa fejjieda li tfejjaq u ssaħħaħ ir-ruħ nisranija, huwa Kristu li rebaħ id-dnub u l-mewt bis-saħħa tal-mewt u l-qawmien glorjuż tiegħu, il-misteru tal-Għid. Mela ejjew niċċelebraw il-festa għażiża tagħna billi nersqu lejn Ġesù fis-sagramenti tal-Qrar u l-Ewkaristija, nieħdu sehem fil-Liturġija ta' jiem il-festa, naħsbu f'ħutna fil-bżonn bl-għotja tal-karità u tad-demm. Nagħtu l-eżempju bl-imġiba dekoruża tagħna waqt dawn il-ġranet.

Bi strofa mill-innu popolari li ħareġ mill-pinna tal-Poeta Nazzjonali, Dun Karm, nitolbu lil San Ġorġ protettur qawwi tagħna u ngħidulu:

*Maħbub Ġorġi f'din is-siegħa*
*li tfarraġna b'dawl is-sliem,*
*agħmel inti li mħabbitna*
*tkun fil-ħidma, mhux fil-kliem.*